FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)
SEDUTA TA' NHAR IS-16 TA' JANNAR 2001

PULIZIJA
SPETTUR IVAN PORTELLI
VS
LORETO BONELLO
JIMMY BONELLO

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Loreto Bonello ta' 34 sena, iben vincent u Josephine nee Caruana, imwieled Bormla fis-17 ta' Mejju 1966 u joqghod Block J, Flat 6, Housing Estate, Hamrun detentur ta' karta tal-identita bin-numru 209466M u Jimmy Bonello ta' 25 sena, iben Vincent u Josephine nee Caruana, imwieled Bormla fit-18 ta' Marzu 1975 u joqghod Blk J, Flat 6, Housing Estate, Hamrun detentur ta' karta tal-identita bin-numru 151875M talli nhar l-14 ta' Janna 2001, ghal habta tas-siegha u nofs ta' filghodu fi Blokk J, go Housing Estate, Hamrun, minghajr hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna griehi ta' natura gravi 9perdurata) fuq il-persuna ta' Silvio Pace u Raymond Barbara, hekk kif iccertifikat mit-Tabib anton Briffa, dan bi ksur tal-Artikolu 216 tal-kap 9.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, attakkaw jew ghamlu resistenza bi vjolenza jew hebbew u ikkagunaw griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC275 Dimech u PC991 Fabri, persuni li huma inakrigati minn servizz pubbliku filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni skond il-ligi mill-awtorita kompetenti u dan bi ksur tal-Artikolu 96 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess dta, lok, hin u cirkostanzi, volontrjament, hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor u cioe bieb ta' barra tal-fond Flat 5 fl-istess Block, liema proprjeta hi ta' Silvio Pace, kif wkoll hsara f'sett tat-telefon cellulari proprejta ta' Ratmond Barbara, dan bi ksur tal-artikoli 325 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kisru il-bon ordni u l-paci pubbliku u qalu kliem oxxen jew indicenti jew offendew il-morali, l-imgieba xierqa jew id-dicenza pubblika, dan bi ksur tal-artikoli 338(bb) u (dd) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Lil Loreto Bonello wahdu talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi dahal fi proprjeta privata, liema proprjeta hi ta' Silvio Pace u dan bi ksur tal-artikolu 330(b).

Lil Loreto Bonello wahdu talli rrenda ruhu ricediv b'senteniz tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datati 28 ta' Mejju 1997 u 25 ta' Settembru 2000, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula, dan bi ksur tal-artikoli 49 u 50 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta''Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputati sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat l-ammissjoni tal-imputati;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:-

Illi fuq l-istess ammissjoni taghhom il-Qorti ssib lill-imputati hatja skond l-akkuza.

Rat Art 216, 221, 96, 325, 338(bb) u (dd), 330(b), 49, 50, 28A tal-kap 9 u Art 9 tal-kap 152 u tillibera lill-imputat Jimmy Bonello bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn u tikkundanna lill-imputat Loreto Bonello ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erba snin u tpoggi liz-zewg imputati taht garanzija tal Lm100 ghal sena li ma jimmolestawx lil PC275 u PC991.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
DEP.REG.